MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2009

Mandat Numru. 1935/2009/1

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1935/09 fl-ismijiet:

Vitus Chibuihe **OHANEBO** u Louise Camilleri, f’isimha proprju u f’isem it-tfal minuri Sophie u Chloe

vs

**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA** bħala *Principal Immigration Officer*

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-20 ta' Novembru, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbu li din il-Qorti żżomm lill-intimat milli joħroġ jew jesegwixxi ordni ta' tneħħija maħruġ kontra r-rikorrent sena qabel "stante li l-azzjoni ta' tneħħija tar-rikorrent ser iledi d-drittijiet fundamentali" tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Novembru, 2009, li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju u ordnat in-notifika lill-intimat;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kummissarju intimat fl-24 ta' Novembru, 2009, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, oppona għat-talba tar-rikorrenti, billi saħaq li la mill-fatti u lanqas mid-dritt ma joħroġ li jeżistu l-elementi għall-ħruġ tal-mandat;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Novembru, 2009, li bih qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-15 ta' Diċembru, 2009;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ minn rappreżentat tal-intimat għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik tar-rikorrent innifsu waqt is-smigħ tal-15 ta' Diċembru, 2009;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Diċembru, 2009, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li b'din il-proċedura r-rikorrenti – li jgħixu f'relazzjoni bejniethom sa mill-2005 – qegħdin jippruvaw iwaqqfu lill-intimat milli jwettaq ordni ta' tneħħija (*removal order*) tar-rikorrent minn Malta, taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rriżulta li huwa nstab f'Malta kontra l-liġi;

Tqis li r-rikorrent Ohanebo huwa ta' nazzjonalita' niġerjana u kien daħal f'Malta disa' (9) snin ilu b'mod regolari b'viża għal xahar li baqgħet tiġġedded regolarment sal-2002. Huwa ngħata wkoll il-permess biex jaħdem f'Malta bħala *child minder*;

Tqis li r-rikorrenti għandhom ulied komuni bejniethom li llum għadhom taħt l-eta';

Tqis li f'Novembru tal-2008, wara li r-rikorrent instab f'karozza, ħareġ li huwa kien f'Malta mingħajr ma kien irregolarizza aktar il-qagħda tiegħu f'Malta wara Ottubru ta' sitt snin qabel. Fi Frar tal-

2004 kien talab lill-intimat biex iħallih jirregolarizża l-qagħda tiegħu f'Malta, imma ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni fir-rigward;

Tqis li ħu t-tewmi tar-rikorrent u oħtu jinsabu f'Malta wkoll u għandhom permess regolari li joqogħdu f'Malta;

Tqis li fl-20 ta' Novembru, 2008, inħareġ l-ordni mill-intimat għat-tneħħija tar-rikorrent minn Malta;

Tqis li r-rikorrent ressaq appell minn dak l-ordni quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni li, b'deċiżjoni tiegħu tal-10 ta' Novembru, 2009[1], u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħad it-talba tar-rikorrent;

Tqis li fl-20 ta' Novembru, 2009, ir-rikorrent fetaħ kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sedi Kostituzzjonali)[2] minħabba l-ġrajja fuq imsemmija;

Tqis l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[3];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-

[1] Dok "GA1", f'paġġ. 15 – 8 tal-atti
[2] Rik. Nru. 64/09JZM
[3] Art. 873(1) tal-Kap 12

diskrezzjoni tal-ġudikant[4]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Illi, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[5];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[6]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi

[4] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[5] Art. 875(3) tal-Kap 12
[6] Ara, per eżempju, P.A. NC **11.3.2003** fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***IWT Group Malta Ltd vs Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et***

mistħarreġ il-każ fil-mertu[7], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[8] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum (b'seħħ minn Ottubru tal-2006), m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat.  Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil, iżda dan għandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-liġi tħares il-"jedd" *prima facie*, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.  Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta'[9], disaġju jew tħassib;

Tqis li bid-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-15 ta' Diċembru, 2009, l-intimat ikkonferma li, kieku ma kienx għall-fatt li r-rikorrenti ressqu t-talba tagħhom, kieku kien u għadu fi ħsiebu jwettaq l-ordni ta' tneħħija tar-rikorrent minn Malta;

---

[7] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***
[8] Art. 873(3) tal-Kap 12
[9] Kumm. **26.5.1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)

Tqis li l-jedd mad-daqqa t'għajn li r-rikorrenti jippretendu li jgawdu bħala r-raġuni li għaliha jridu li jinħareġ il-Mandat huwa l-jedd ta' aċċess effettiv għal rimedju ġudizzjarju u għal rimedju effettiv;

Tqis li fir-rigward tar-rikorrenti Camilleri ma jirriżultax li l-Mandat jolqot lilha jew lill-minuri b'mod dirett. Fir-rigward tar-rikorrent Ohanebo, mbagħad, it-tneħħija tiegħu minn Malta m'hijiex sejra twaqqaf il-kawża li huwa fetaħ f'Malta u lanqas, taħt ċerti ċirkostanzi (marbutin mal-fatt li huwa missier ta' wlied Maltin) milli jerġa' jressaq applikazzjoni biex jidħol f'Malta[10]. Fuq kollox, il-jedd ta' aċċess għal qorti m'huwiex determinat esklussivament mal-preżenza f'Malta tal-persuna li tkun fetħet il-kawża, u dan minbarra li l-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali tista' dejjem, fl-ambitu tal-proċeduri mexjin quddiemha u jekk hekk jidhrilha xieraq li tippreskrivi, tagħti ordnijiiet provviżorji jew *interim* fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet;

Tqis għalhekk li l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrenti ma jirriżultax;

Tqis li dwar il-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat sabiex li r-rikorrenti jridu jżżommu lill-intimat milli jwettaq, l-Qorti ssib li għar-raġuni li għadha kif issemmiet lanqas dan l-element ma jirriżulta;

Għalhekk il-Qorti tasal għall-fehma li f'dan il-każ ma jikkonkorrux l-elementi kollha meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

[10] Xhieda tal-Ispettur Jeffrey Azzopardi, f'paġġ. 23 – 4 tal-atti

Filwaqt li **tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tal-20 ta' Novembru, 2009, safejn kienet laqgħet it-talba provviżorjament,

**Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu, bl-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------